15 ta' Marzu, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Amabile Conti *versus* John Borg ne.

**Konkorrenza Sleali — Tixrid ta' Notizzji Foloz — Art. 38 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-kummerċjanti ma jistgħux, għal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizzji foloz li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' kummerċjanti oħra.*

*Kwalunkwe kummerċjant okulat, meta jisma' notizzji simili, għandu jagħmel verifiki serji biex jara jekk dawk id-diċeriji għandhomx fondament fil-verità.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi l-konvenut nomine, per mezz ta' ittra tiegħu tat-3 ta' Jannar 1947 indirizzata lil Messrs. Gallaher Ltd. ta' Londra (dok. A), ta' liema ditta l-attur huwa l-aġent lokali, xerred għal skop ta' konkorrenza notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrja jew kummerċ ta' l-attur, kontra d-divjet ta' l-art. 38 (1) tal-Kodiċi Kummerċjali, Kap. 17 tal-Liġijiet Riveduti; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut nomine jiġi kundannat li jħallas lill-attur dik is-somma, bħala penali, li tiġi fissata mill-Qorti a saldu ta' kull pretensjoni ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu tas-6 ta' Mejju 1947, fejn laqgħet it-talba, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur penali ta' £50; bl-ispejjeż; wara li ġie kkunsidrat;

Illi bl-ittra fil-fol. 5 il-konvenut ikkomunika lid-dar ta' barra żewġ notizzji li kienu jaffettaw l-interessi u rapporti kummerċjali ta' l-attur ma' dik id-dar, (1) id-diċeriji ta' sostituzzjoni ta' l-aġent, u (2) li kien hemm depożitati fil-maħżen tad-Dwana sigarretti tad-dar ta' Londra a riskju ta' dik id-dar;

Illi dawk iż-żewġ notizzji kellhom fihom infishom l-attitudini li jiskwotu l-kreditu u r-riputazzjoni kummerċjali ta' l-attur, għax jekk tajjeb jew ħażin kienet qiegħda tiġri xniha ta' sostituzzjoni, dik ix-xniha tippresupponi li l-publiku kien jaf b'xi raġuni gravi li għaliha d-ditta ta' barra kellha tieħu ħsieb tibdel l-aġent, fil-waqt li d-depożitu tas-sigarretti a riskju tad-dar ta' barra seta', li kien veru, kien ta' preġudizzju, għax is-sigarretti huma merċa deterjorabili;

Illi fil-fatt iż-żewġ notizzji kienu foloz, għax id-dar ta' barra ma kienetx ikkontemplat l-ebda sostituzzjoni, u lanqas kien hemm għalfejn tibdel l-aġent; illi l-konvenut ma ħax prekawzjonijiet serji biex jara jekk dak li kiteb kienx veru, u l-Qorti ddubitat jekk kienx hemm diċeriji jew le; illi l-fatt li wieħed mar qallu dik l-istorja ma jiġġustifikahx li jmur jikteb lid-dar u jgħid li hemm fil-pajjiż xniha, mentri din hija ħaġa aktar estiża, u mhux limitata għal bniedem jew tnejn; illi merkanzija depożitata taħt it-tinda a riskju tad-dar ta' barra ma kienx hemm, għax dak li kien hemm kien ta' l-attur għax kien ħallasha, u l-konvenut ma kellu ebda raġuni biex igħid illi kien hemm merkanzija a riskju tad-dar ta' barra;

Illi l-fatt li ma saretx ħsara jista' jinfluwixxi fil-piena; u li l-konvenut ammetta li kiteb l-ittra in kwistjoni;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu, fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, u għalhekk it-talbiet ta' l-attur ikunu respinti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Illi skond il-Liġi Kummerċjali — art. 38 (1) — il-kummerċjanti ma jistgħux, għal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrja jew kummerċ ta' kummerċjanti oħra. Il-gravam ta' l-appellanti huwa illi bl-ittra inkriminata huwa ma għamel xejn u baqa' fil-limiti ta' konkorrenza leali. Għalhekk l-eżami ta' dina l-Qorti huwa preċiżament dak li jiġi eżaminat jekk l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti ta' dik l-ittra, in bażi għal-liġi fuq miġju-

ba huwiex korrett. L-ittra tibda bil-kliem "This is to inform you that here in Malta the word is going round"; dawn il-kliem, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, jippresupponi illi hawn, almenu fiċ-ċerkja tal-kummerċjanti lokali, xniha serja, la darba dik id-diċerija hija "going round", għaliex dawn il-kliem jissupponu illi min kiteb dik l-ittra ma kienx sama' dik id-diċerija minn ftit persuni, iżda illi dik id-diċerija hija ħaġa publika u qiegħda tiġri mal-pajjiż. Dan mill-provi rriżulta li ma kienx veru;

Imbagħad l-ittra tgħid "that you are considering replacing your local agents provided the new agent will buy the existing stocks which are lying at your risk at Customs Warehouse, Malta". L-appellanti fil-petizzjoni tiegħu ssottometta illi dawk il-fatti ma għandhomx jittieħdu separatament, iżda l-ittra għandha tinqara globalment; u f'dan għandu raġun; però meta tinqara globalment tidher iżjed is-serjetà ta' l espressjonijiet li fiha dik l-ittra. Infatti min kiteb tefa' bħala bażi "that you are considering replacing your local agent", u hemm kondizzjoni annessa "provided the new agent will buy the existing stocks." Issa dan jirrendi aktar gravi n-notizzja, għaliex mhux biss hemm informazzjoni ta' diċerija illi "is going round" ta' sostituzzjoni, iżda hemm ir-raġuni tas-sostituzzjoni, illi ċjoè hemm kwantità ta' merkanzija fid-Dwana, u għalhekk id-ditta ta' barra trid illi l-aġent il-ġdid jixtri l-merkanzija. Issa, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, il-fatt li mbagħad il-konvenut appellant żied illi dik il-merkanzija "are lying at your risk at Customs Warehouse. Malta", tirrendi l-ittra aktar perniċjuża; preċiżament qiegħda titfa' notizzji li jidher li l-konvenut assolutament ma kkontrollax il-veridiċità tagħhom;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant qal illi huwa ma setax jagħmel dannu, għaliex id-ditta ta' barra kienet taf illi dik il-merkanzija kienet a riskju ta' l-attur; iżda kellha interess illi l-merkanzija tagħha, li kienet sigarretti, ma tkunx deterjorata, u tkun deterjorata jekk tibqa' hemm fid-Dwana għal ċertu żmien. L-appellanti ried jiskuża ruħu illi fl-istess ittra qal illi huwa

ma jafx jekk "such rumours are correct or not", iżda b'dan ma jistax jikkanċella l-fatt stess tal-kommunikazzjoni ta' dawk in-notizzji, li fihom infushom ma jistgħux ma jagħmlux dannu lill-attur. It-termini ta' l-ittra tad-dar ta' barra fol. 7, juru dan biċ-ċar, speċjalment meta tgħidlu li tagħtih xahrejn żmien biex ineħħi li "stock", u kif xehed l-istess attur, illi huwa ittri simili ma kienx irċieva qatt minn għand id-dar. Kwalunkwe kummerċjant okulat, meta jisma' notizzji simili, għandu jagħmel verifiki serji biex jara għandhomx fondament fil-verità; u għalhekk il-fini ta' l-appellant kien li jġib dannu lill-attur, u jagħmillu f'din l-aġenzija konkorrenza sleali;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.